MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1815/1998/1

Albert **PORTELLI**

vs

Joseph **TANTI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Settembru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta bejn żewġ karozzi li ġrat f'Birkirkara, fis-26 ta' Mejju, 1998, bejn il-karozza reġistrata DBB-681 misjuqa minnu u l-karozza reġistrata LAN-641 misjuqa mill-istess imħarrek; (b) tillikwida d-danni li huwa ġarrab minħabba dik il-ħabta

bi ħtija tal-imħarrek, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' periti u esperti; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek itħallas is-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-6 ta' Jannar, 1999, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qali li l-Qorti ma kellhiex is-setgħa li tisma' din il-kawża minħabba l-valur tagħha (*ratione valoris*). Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li huwa kien jaħti b'xi mod għall-ħabta, u qal li kien l-attur innifsu li kien jaħti għall-inċident u għalhekk it-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Jannar, 2000[1], li bih ħatret lil Natalino Bonello bħala espert tekniku għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, liema ħatra nbidlet b'degriet ieħor tat-2 ta' Ġunju, 2000[2], bil-ħatra ta' John Callus bħala espert sostitut, wara li l-ewwel espert kien iddikjara li l-ħatra mogħtija lilu ma kinetx materja ta' jdejh[3];

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2004[4], li bih ħassret il-ħatra tal-espert tekniku u ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2004[5], li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-28 ta' Jannar, 2004, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2004[6], li bih ħatret lil Mark Żammit bħala espert tekniku għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, liema degriet tħassar b'ieħor *contrario imperio* tal-10 ta' Ottubru, 2006, minħabba li ma kien sar l-ebda progress lanqas b'din il-ħatra;

---

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġ. 26 tal-proċess
[3] Paġ. 25 tal-proċess
[4] Paġ. 38 tal-proċess
[5] Paġ. 119 tal-proċess
[6] Paġ. 47 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2006[7] li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-imħarrek waqt is-smigħ tal-31 ta' Jannar, 2007[8], li bis-saħħa tagħha irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2007[9] li bih reġgħet bagħtet il-kawża *sine die* billi l-attur kien ripetutament naqas milli jressaq ix-xhieda tiegħu kif kien ordnat jagħmel;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Novembru, 2007, li bih u wara li rat li l-attur kien ressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit flimkien ma' rikors, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u rat ix-xhieda mressqa kemm bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll il-provi dokumentali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha li biha ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara ħabta bejn żewġ karozzi li ġrat f'Mejju tal-1998 fl-inħawi tal-Iklin, qrib Birkirkara. L-attur jgħid li hu kien qed isuq vettura u hu u ħiereġ minn Triq N. Tomasucci, l-vann misjuq mill-imħarrek baqa' dieħel ġo fih bla ma waqqaf. Jgħid li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta u billi ma riedx jaċċetta l-ħtija u jagħmel

[7] Paġ. 56 tal-proċess
[8] Paġ. 57 tal-proċess
[9] Paġ. 77A tal-proċess

tajjeb għall-ħsara li saret fil-vettura tiegħu, kellu jiftaħlu din il-kawża;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ċaħad li hu kien b'xi mod jaħti għall-ħabta. Kien ressaq ukoll eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża *ratione valoris*, iżda matul is-smigħ tal-kawża kien irtiraha (mhux wara li kienu tqabbdu xejn anqas minn tliet persuni tekniċi biex jirrelataw dwar l-imsemmija eċċezzjoni u kienu għaddew l-isbaħ disa' snin minn mindu kienet infetħet il-kawża);

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li fis-26 ta' Mejju, 1998, l-attur kien qed isuq vettura tal-għamla *Daihatsu Hi-Jet* reġistrata DBB-681 fi Triq N Tomasucci, fl-inħawi Ta' Ganu f'Birkirkara, ħiereġ lejn Triq Dun Karm (il-*by-pass* ta' Birkirkara) f'waħda mill-fergħat paralleli tal-ġenb tagħha mal-*by-pass* proprja. Mal-attur kien riekeb ħuh, Michael, li l-attur kien għadu kemm niżżlu fl-imsemmija Triq Tomasucci. Il-ħin kien madwar is-sitta ta' wara nofsinhar;

Illi l-imħarrek kien qed isuq vann tal-għamla *Ford Transit* reġistrat fuq isem l-imgħallem tiegħu – Bonnici Textiles Limited – reġistrat LAN-641, ġej min-naħa ta' r-*round-about* ta' Triq in-Naxxar sejjer lejn Triq Tomasucci;

Illi l-ħabta seħħet meta l-vann misjuq mill-imħarrek baqa' dieħel fil-vettura misjuqa mill-attur f'dik il-parti fejn Triq Tomasucci tiltaqa' mal-fergħa parallela ta' Triq Dun Karm[10]. Il-vetturi ma kellhomx ħsarat kbar ħafna u kienu fuq in-naħa ta' quddiem tagħhom[11];

Illi f'Lulju, 1998, l-attur bagħat ittra bl-avukat[12] lill-imħarrek biex jitolbu jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-ħsara mġarrba. Din il-kawża nfetħet f'Settembru tal-1998. L-attur sewwa l-karozza xi sena wara l-ħabta, u biegħha matul is-smigħ tal-kawża[13];

---

[10] Paġ. 8 tal-proċess
[11] Paġ. 6 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 9 tal-proċess
[13] Affidavit tiegħu 13.11.2007, f'paġ. 62 tal-proċess

Illi l-Qorti trid tibda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali billi qabel kollox tqis **il-kwestjoni ta' min jaħti għall-ħabta**. Jibda biex jingħad li hija regola ġenerali fi kwestjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilta' f'ħabta, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u (b) li jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[14]. Naturalment, meta wieħed jiltaqa' ma' ċirkostanza fejn it-toroq ikollhom siwi mhux l-istess, tiżdied fuq is-sewwieq li jkun fuq it-triq l-anqas importanti responsabbilta' akbar fil-konfront ta' sewwieq fuq triq aktar importanti. Fil-każ tal-lum, meta wieħed iqabbel Triq Tomasucci ma' Triq Dun Karm, għandu jirriżulta li ta' l-ewwel hija sekondarja għal tat-tieni, minkejja li jidher li hija usa' minnha[15]. Mhux hekk biss, imma jidher li l-punt fejn jiltaqgħu ż-żewġ toroq – u fejn seħħet il-ħabta – huwa dak magħruf bħala *T-junction* bi Triq Dun Karm tkun il-mimduda ("*through road*") f'tarf Triq Tomasucci. F'dik il-parti, mbagħad, it-traffiku fi Triq Dun Karm jgħaddi fiż-żewġ direzzjonijiet;

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-ħabta seħħet qabel inżul ix-xemx, fil-bnazzi u l-art ma kinitx imxarrba b'xi xita, u l-post fejn seħħet il-ħabta kien jifforma qisu salib it-toroq kif għadu kemm ingħad. Minbarra dan, għalkemm iż-żewġ toroq jinsabu f'witgħa, sewwieq fuq Triq Tomasucci seta' jilmaħ it-traffiku fuq Triq Dun Karm malli jasal f'tarf it-triq tiegħu, filwaqt li Triq Dun Karm hija dritta u tagħti 'l min ikun fuqha viżwali fil-bogħod ta' dak li jkun qed iseħħ fuqha. Bħala fatt, dak inhar tal-ħabta, l-partijiet jaqblu li fuq in-naħa tal-bini fi Triq Dun Karm (jiġifieri l-lemin ta' n-naħa tal-imħarrek) kien hemm karozzi weqfin ipparkjati;

Illi l-manuvra li l-attur kien fi ħsiebu jagħmel kienet li jdur lejn ix-xellug tiegħu u jsuq lejn ir-*round-about*, jiġifieri li

---

[14] Ara, per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix pubblikata) [Ċit. 427/97] u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix pubblikata) [Ċit. 1246/92]

[15] Ara skizz skalat f'paġ. 8 tal-proċess

joħroġ mit-triq sekondarja u jdur fuqu fuq il-korsija tax-xellug. L-imħarrek kien ġej sewwasew minn ħdejn ir-*round-about* u kien fi ħsiebu jidħol ġot-triq sekondarja mnejn kien ħiereġ l-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**kriterji ta' ħruġ ta' sewwieq fuq *T-junction***, huwa xieraq li ssir riferenza għar-regoli rilevanti li jinstiltu mill-Kodiċi tat-Triq[16] dwar id-Dritta tat-triq. Fir-regola 213 insibu li "*F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew ikun ħiereġ minn, it-triq prinċipali*". Fir-regola 214, imbagħad jingħad li "*F'salib it-toroq jew għaqda ta' toroq li għandhom l-istess importanza għat-traffiku, meta l-vetturi jaslu f'salib it-toroq jew fil-post ta' fejn jiltaqgħu t-toroq fl-istess waqt, għandha tingħata preċedenza lill-vetturi fuq in-naħa tal-lemin, jekk ma jkunx hemm tabelli li jindikaw xort'oħra. Iżda, fejn it-toroq jiltaqgħu flimkien f'għamla T, it-traffiku li jkun fit-triq id-dritta jkollu preċedenza fuq it-traffiku tat-triq l-oħra*";

Illi b'żieda ma' dawn ir-regoli, l-Qorti ssemmi wkoll li kull min ikun qed isuq vettura u ħiereġ minn triq sekondarja għal "*through road*" f'*T-junction* jeħtieġ li juri li jkun ħares dawn id-dmirijiet: (i) li jieqaf għal kollox u jibqa' wieqaf sakemm ikun fela sewwa t-triq ewlenija u sakemm ikun ċert li jista' joħroġ fuqha; (ii) li jżomm kemm jista' jkun lejn in-naħa tax-xellug tal-bokka tat-triq sekondarja u lura mil-linja tat-triq ewlenija bil-ħsieb li jkollu l-aħjat vista ta' dak li jkun qed jiġri fuq it-triq li fiha jrid jidħol bla ma, fl-istess waqt, ifixkel it-traffiku miexi fuq l-ewlenija; u (iii) li jżomm *lookout* xierqa tat-traffiku għaddej fuq it-triq ewlenija miż-żewġ direzzjonijiet, l-aktar mil-lemin tiegħu[17];

Illi għal dak li jirrigwarda **l-manuvra ta' tidwir lejn il-lemin** huwa prinċipju aċċettat li, ladarba s'issa s-sewqan f'Malta suppost iżomm fuq il-korsija tax-xellug, sewwieq li jkun sejjer idur lejn il-lemin tiegħu ikun ifisser li sejjer jaqsam il-korsija li fuqha jkun ġej it-traffiku mid-direzzjoni opposta. Dan jagħmel tali manuvra waħda li tgħabbi lil tali

[16] Il-verżjoni fis-sit elettroniku aġġornata 11.8.2009
[17] App. Krim. JGD **11.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Natasha Mohnani***

sewwieq b'ċertu riskju u jitfa' fuqu wkoll dmirijiet[18]. Fost dawn, hemm id-dmir li jqis li ma jibdiex tali manuvra qabel ma jkun aċċerta ruħu li matul il-proċess kollu ma jkun ta' l-ebda xkiel għat-traffiku li ġej minn faċċata.[19] Sewwieq li jkollu f'moħħu li jdur lejn il-lemin, irid jagħmel sinjal xieraq u minn qabel li fi ħsiebu jdur lejn il-menin b'mod li t-traffiku li jkun isegwih u dak li ġej minn faċċata jintebaħ bil-manuvra maħsuba, jieħu postu lejn in-nofs tat-triq, jistenna l-waqt xieraq biex jaqsam il-karreġġata tat-traffiku li ġej minn faċċata[20]. Fuq kollox, irid joqgħod b'seba' għajnejn li ma jagħmel l-ebda kalkoli ażżardati li bihom jista' joħloq xkiel għat-traffiku li jkun ġej mill-faċċata[21];

Illi wara li ssemmew dawn il-prinċipji, l-Qorti ssib li kien jaqa' fuq l-attur ħafna aktar responsabbilta' milli fuq l-imħarrek f'dik il-parti u fiċ-ċirkostanzi partikolari fejn ġrat il-ħabta, aktar u aktar jekk kien minnu li fuq in-naħa tax-xellug tal-attur kien hemm karozzi ipparkjati;

Illi l-Qorti trid tinnota wkoll **il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet**. Dan l-eżerċizzju jidher meħtieġ aktar minħabba l-fatt li dwar id-dinamika tal-ħabta ma tressqu l-ebda xhieda barranin għall-partijiet u għalhekk huwa meħtieġ li jitqiesu l-verżjonijiet tal-partijiet infushom biex jitqabblu maċ-ċirkostanzi li għadhom kif issemmew. Għalkemm ħu l-attur kien riekeb miegħu, dan niżel mill-karozza misjuqa minn ħuh ftit ħin qabel ġrat il-ħabta u, għalkemm semagħha, stqarr li ma rax x'kien ġara[22], għalkemm wasal fuq il-post minnufih wara l-ħabta;

Illi l-attur jitfa' l-ħtija tal-ħabta fuq l-imħarrek billi jqajjem l-episodju tas-sewqan bla kont ta' dan. Isemmi l-fatt li, x'ħin ra l-vann misjuq mill-imħarrek riesaq lejn il-karozza tiegħu, il-vann deher riesaq qisu bla ma kellu sewwieq. L-attur ifisser li, x'ħin l-imħarrek niżel mill-vann wara l-ħabta, kien stqarr miegħu li kellu jbaxxi għaliex biċċa ċarruta kienet tħabblet mal-pedali u ma setax iħaddimhom sewwa qabel

[18] P.A. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sandra Bartolo vs Joseph Farruġia***
[19] App. Ċiv. Inf. **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Vassallo vs Andrew Portelli***
[20] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hugh P. Żammit noe vs Anġelo Abela***
[21] P.A. GCD **7.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Agency Ltd noe et vs Salvu Schembri***
[22] Affidavit Michael Portelli 24.3.2008, f'paġ. 80 tal-proċess

ma jneħħiha[23]. L-imħarrek jiċħad għal kollox din il-verżjoni u ċaħad li huwa qal dak il-kliem lill-attur. F'dan ir-rigward, iż-żewġ xhieda jitfu lil xulxin u ma hemm l-ebda xhud barrani li ra l-ħabta li seta' tefa' dawl fuq din il-biċċa. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek xehed għal darba darbtejn (u minkejja l-imbekkati tal-avukat tiegħu) li kien qed isuq fuq in-naħa tal-lemin ta' Triq Dun Karm[24];

Illi huwa prinċipju aċċettat li l-fatt waħdu li xi wieħed mis-sewwieqa nvoluti f'ħabta seta' kien qed isuq bi ksur ta' xi regolament tas-sewqan li saħansitra kien jikxfu għat-teħid kontrih ta' proċeduri kriminali ma jwassalx b'daqshekk għas-sejbien ta' ħtija għal dik il-ħabta, sakemm il-ksur tar-regolament ma jintweriex li jkun ir-raġuni prossima li minħabba fiha ġrat il-ħabta[25]. Imbagħad, meta l-verżjonijiet taż-żewġ sewwieqa jkunu bilanċjati u jistgħu jitwemmnu t-tnejn, u ma jkunx hemm ċirkostanza partikolari determinanti li ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti favur verżjoni jew oħra minnhom, l-effett hu li l-Qorti jkollha tqis li min kien fid-dmir li jipprova l-ħtija jkun naqas li jagħmel dan bit-tħaddim tar-regoli proċedurali li jgħoddu għall-każ[26];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, madankollu, jinsabu elementi li, fil-fehma tagħha, joħolqu ċ-ċirkostanza partikolari determinanti msemmija u jxaqilbu impass bħal dak u lil hinn minn jekk kienx minnu jew le l-"episodju taċ-ċarruta". Mix-xhieda tal-atturi innifsu joħroġ li, meta hu ġie biex joħroġ fuq Triq Dun Karm, saq b'mod li biex jara x'kien ġej matul dik it-triq, xiref 'il barra fuq l-istess triq. Jgħid li l-ħtija ta' dan kienet xi karozza li kienet ipparkjata fl-i*splay* fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. Kemm hu hekk, jgħid li, sa minn qabel ma saret il-ħabta u kif lemaħ il-vann misjuq mill-imħarrek ġej lejh, kien diġa' ħaseb li jreġġa' lura għal ġot-triq (sekondarja) mnejn kien għadu ħiereġ "għaliex minħabba l-*parking* hekk kif ġja' semmejt ma kinux jgħaddu żewġ vetturi mit-triq in kwestjoni"[27]. Dan il-

[23] Affidavit tal-attur f'paġ. 61 tal-proċess
[24] Xhieda tiegħu 13.11.2008, f'paġġ. 89 – 90 tal-proċess
[25] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Scicluna et vs Victor Ċini***
[26] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***
[27] Affidavit tiegħu f

ħsieb tennieh ukoll meta sarlu l-kontro-eżami[28]. Il-Qorti jidhrilha li din iċ-ċirkostanza mistqarra turi li l-attur ma kienx qagħad għal dak mitlub minn sewwieq li jkun ħiereġ minn triq sekondarja bħal dik li kien fiha, u l-fatt li seta' kien hemm traffiku ipparkjat fuq il-ġenb xellugi tiegħu irid jitqies bħala ċirkostanza li tefgħet fuqu piż akbar qabel ma jiddeċiedi li joħroġ fuq it-triq ewlenija milli skuża biex tagħtih xi preċedenza fuq l-imħarrek li, għalih ukoll, dawk il-vetturi ipparkjati kienu jnaqqsulu l-manuvrabilita'. B'żieda ma' dan, imbagħad, hemm il-fatt li l-ħabta kienet frontali, u dan ikompli juri li l-attur kien qabeż wisq 'il barra mil-linja (anke jekk immaġinarja) li jmissu qagħad magħha. Hemm ukoll il-fatt li l-imħarrek ma kienx jidher li għadu beda l-manuvra li jidħol ġot-triq sekondarja, u għalhekk kien għadu fid-dritta u ma kienx għad waqa' fuqu d-dmir tas-sewwieq li jkun se' jaqsam korsija ta' triq ewlenija biex jidħol fi triq sekondarja. U hemm il-fatt li, sa x'ħin ġrat il-ħabta, l-attur (kien x'kien qed jagħmel l-imħarrek) ma laħaqx beda l-manuvra minnu stess maħsuba li jreġġa' lura, u għalhekk toħroġ iċ-ċirkostanza li ma kienx fil-kontroll sħiħ tal-karozza misjuqa minnu. Fi ftit kliem, il-Qorti tqis li l-manuvra tal-attur meta xiref 'il barra fuq Triq Dun Karm kienet il-kawża prossima tal-ħabta li seħħet;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda ssib li l-ħtija tal-ħabta kienet biss tal-attur, u filwaqt li sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek, sejra tiċħad l-ewwel talba attriċi;

Illi, għar-rigward tal-**likwidazzjoni tad-danni**, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tistħarreġ, ladarba din it-talba hija konsekwenzjali għal ta' qabilha. Madankollu, ukoll kieku l-fehma tagħha dwar l-ewwel talba kellha tkun waħda favorevoli għat-teżi tal-attur, kienet ser tkun biċċa xogħol iebsa biex tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi. Il-Qorti tħoss li għandha tosserva li ma tistax tifhem kif l-attur seħħlu jitlef kull traċċa ta' kull riċevuta, dokument ta' stima ta' ħsara mġarrba u saħansitra dettalji dwar in-nefqa li daħal għaliha minħabba l-ħsarat imġarrbin fil-ħabta, meta dan kollu ġara matul iż-żmien li hu nnifsu kien fetaħ il-kawża u

[28] Xhieda tiegħu 13.11.2008, f'paġ. 105 tal-proċess

meta l-għaqal u s-sens kien jurih li, fid-dawl tal-kontestazzjonijiet imressqa mill-imħarrek, l-prova tad-danni mġarrba kienet ewlenija. Qorti ma tistax toqgħod fuq id-dikjarazzjoni tiegħu, imqar jekk maħlufa, li kellu **stima** ta' Lm 1,100 ħsara, bla ma għallanqas jaħlef ukoll kemm kienet **fil-fatt** in-nefqa li daħal għaliha, jew li mqar jiftakar għand min kien sewwa l-karozza qabel biegħha u qabel ma seta' jaraha xi wieħed mit-tliet esperti tekniċi mqabbdin (għalxejn) mill-Qorti f'dan il-każ. L-argument tal-għaref difensur tiegħu li, f'kull każ, l-attur ressaq l-aħjar prova ma jimliex nuqqas lampanti bħal dan;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li kien l-attur innifsu li waħdu kien jaħti għall-ħabta li seħħet f'salib it-troroq bejn Triq Dun Karm u Triq N Tomasucci, f'Birkirkara, nhar is-26 ta' Mejju, 1998, għall-ħabta tas-6.00 ta' filgħaxija, bejn il-karozza DBB-681 misjuqa minnu u l-vann reġistrat LAN-641misjuq mill-imħarrek;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------